MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 446/2008

Sterling Autosales & Rentals Limited (C28468).

Vs

Audra Lyn Micallef (Id. 10590M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elfejn, mitejn u sitta u tmenin Ewro u tnax-il centezmu (€2,286.12) minghand il-konvenuta, rapprezentanti bilanc dovut minnha fuq prezz ta' vettura mibjugha u debitament ikkonsenjata lilha mis-socjeta' attrici fuq inkarigu taghha stess, u dan kif jirrizulta ahjar fl-iskrittura privata datata 23 ta' Frar 2006 . Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament.

Ra r-risposta tal-konvenuta li eccepiet illi (i) fl-ewwel lok, it-talbiet tal-kumpanija rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra

taghha stante li sa fejn taf l-intimata, l-prezz tal-vettura huwa mhallas ghas-saldu u ghalhekk hija l-kumpanija rikorrenti li ghandha tipprova li l-ammont minnha pretiz huwa dovut; u (ii) illi in oltre u minghajr pregudizzju, l-vettura in kwistjoni konsenjata lill-intimata ma kenitx tal-kwalita' pattwita u ghalhekk kull bilanc li talvolta jista' jigi ppruvat li ghadu mhux imhallas ghandu jigi mnaqqas a tenur tal-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili. Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjes kontra l-kumpanija rikorrenti.

Sema’ x-xhieda ta' Charles Mifsud in rapprezentanza tas-socjeta' attrici.

Ra l-affidavit tal-konvenuta Audra Lyn Micallef.

Sema' x-xhieda viva voce tal-konvenuta.

Ra l-affidavit ta’ Nazzareno Agius prodott mill-konvenuta.

Sema' t-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi fl-ewwel lok, fir-risposta taghha, l-konvenut eccepiet il-hlas ghas-saldu ta' l-ammont kollu dovut u pretiz mis-socjeta' attrici, u ghalhekk dan it-Tribunal ser jghaddi sabiex jiddeciedi dwar din l-eccezzjoni fid-dawl tal-provi kollha prodotti.

Skond Charles Mifsud li xehed bhala rapprezentant tas-socjeta' attrici, l-konvenuta kienet ghazlet li tixtri karozza *second hand* minghand is-socjeta' attrici, liema karozza kienet tal-marka Peugeot 306 *convertible*. Qabel ma xtrat il-karozza, l-konvenuta kienet hadet il-karozza ghand il-*mechanic* taghha, li kien certu Martin Spiteri tal-Car Clinic. Dan ta' l-ahhar kien irrakumanda li jsiru xi *mechanical*

*repairs* fuq il-vettura qabel ma tinxtara mill-konvenuta, u dawn it-tiswijiet fil-fatt saru kollha. Il-*mechanic* tal-konvenuta mbaghad rega spezzjona l-vettura wara li saru dawn it-tiswijiet u peress illi kien jidher kollox sew, il-konvenuta accettat li tixtri l-vettura in kwistjoni.

Skond ix-xhud il-prezz miftiehem tal-vettura kien dak ta' erbat elef u mitejn lira Maltin (Lm4,200) u l-konvenuta kienet hallset depozitu biex b'hekk kien fadlilha thallas l-ammont ta' tlett elef, mitejn hamsa u erbghin lira Maltin (Lm3245.00), hekk kif jidher mid-dokument datat 23 ta' Frar 2006, liema dokument huwa ffirmat mill-konvenuta stess. Skond dan id-dokument il-konvenuta kienet intrabtet li thallas il-bilanc sal-31 ta' Mejju 2006, u cioe ftit xhur wara. Il-konvenuta pero hallset biss is-segwenti ammonti akkont:-

Hames mitt lira Maltin (Lm500) permezz ta' cekk li ssarraf fil-11 ta' Lulju 2006;
Mitejn lira Maltin (Lm200) permezz ta' cekk li ssarraf fit-13 ta' Ottubru 2006;
Tlett elef Ewro (€3000) permezz ta' cekk li ssarraf fl-10 ta' Frar 2008.

Charles Mifsud xehed li l-bilanc dovut sa llum minghand il-konvenuta huwa dak mitlub fl-Avviz, u li l-konvenuta kienet qaltlu li ma kenitx bi hsiebha thallas peress li kellha xi spejjes fil-karozza. Skond l-istess xhud huwa kien ghadda zewg ircevuti f'idejn il-konvenuta ghaz-zewg cekkijiet li kienet hallset personalment fl-ufficcju tas-socjeta' attrici izda ma nghatat l-ebda rcevuta ghall-ahhar cekk li kien intbaghat bil-posta.

Illi minn-naha taghha, l-konvenuta xehedet permezz ta' affidavit fejn fil-qosor spjegat li kienet hallset il-prezz kollu tal-vettura hlief ghall-ammont ta' mitejn lira Maltin (Lm200) u dana principalment minhabba li ma kenitx inghatat ebda rcevuti minghand is-socjeta' attrici ghall-hlasijiet li kienet ghamlet.

F'dan ir-rigward it-Tribunal josserva fl-ewwel lok li din il-versjoni tal-konvenuta ma taqbilx ma dak li eccepiet hija

stess fl-ewwel eccezzjoni taghha u cioe li l-ammont kollu dovut minnha kien thallas.

Illi kif gie ritenut diversament mill-Qrati taghna, '*meta tinghata eccezzjoni ta' pagament, il-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah u jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju ghandu jigi rizolut favur l-attur. Min jallega pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti, u fid-dubbju u fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx (kollez 37 P1 p535), jekk ma jigix pruvat b'mezzi ohra (kollez35 P3 p604; XLIX P2 p777)*.

Alavolja l-konvenuta tallega li ma nghatat ebda rcevuti minghand is-socjeta' attrici, hija tallega li hallset is-somma kollha dovuta minnha jew permezz ta' cekkijiet jew inkella permezz ta' flus kontanti jew anki permezz ta' *bank transfers*. Madankollu, alavolja kien jinkombi fuqha li tipprova li dan il-hlas sar da parti taghha, ma gabet l-ebda prova li juri dan, hlief ghal kopji ta' zewg cekkijiet li jammontaw ghal erba mitt lira (Lm400) li jidhru li ssarrfu fl-4 ta' Gunju 2007. Lanqas ma gabet *statement* mahrug mill-bank taghha fejn jidhru l-*bank transfers* li hi stess tiddikjara li ghamlet direttament lis-socjeta' attrici. Apparti dan, mhu xejn kredibbli li persuna li thallas bi flus kontanti taccetta li ma jkollha xejn f'idejha sabiex turi li sar dan il-hlas.

It-Tribunal pero josserva wkoll illi s-socjeta' attrici ghamlitha cara li mhijiex qed tikkontesta l-fatt li dawk iz-zewg cekkijiet li esebiet il-konvenuta gew fil-fatt msarrfa. Kif gja inghad, il-prezz originali tal-vettura kien dak ta' Lm4200, ekwivalenti ghal €9783.37. Ix-xhud Charles Mifsud xehed illi l-konvenuta hallset €4630.56 permezz ta' cekkijiet. Ghalhekk iz-zewg cekkijiet esebiti mill-konvenuta u ammontanti ghal €931.74 ghandhom jizdiedu ma l-ammont li ghandu jitqies li thallas mill-konvenuta biex b'hekk dan jammonta b'kollox ghal €5562.30. Dan ghandu jitnaqqas mill-ammont ta' Lm3245.00 ekwivalenti ghal €7558.82, biex b'hekk jibqa bilanc dovut ta' €1996.52 u mhux dak ta' €2,286.12 kif indikat fl-Avviz odjern.

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta fis-sens li l-vettura konsenjata lilha ma kenitx tal-kwalita' pattwita, t-Tribunal ghandu s-segwenti osservazzjonijiet x'jaghmel.

Fl-ewwel lok, qabel ma xtrat il-karozza, l-konvenuta hadet l-istess vettura ghand il-*mechanic* taghha sabiex din tigi spezzjonata u sabiex tikseb parir dwar l-istat tal-istess vettura.  Wara li gew irrangati certi affarijiet, il-konvenuta inghatat parir li l-karozza kienet wahda 'tajba' u ghalhekk setghet tixtrijha.  Huwa ghal kollox inaccettabbli li f'dan l-istadju l-konvenuta tigi tghid li l-*mechanic* ma kienx il-*mechanic* taghha izda kien biss wiehed li kien jinsab fil-vicinanzi.  Apparti li din m'hijiex versjoni konvincenti, specjalment ghaliex il-konvenuta hadet il-karozza ghand l-istess *mechanic* sahansitra darbtejn, il-konvenuta ghazlet li tiehu parir ta' espert kif fil-fatt messha, u issa ma tistax tiskarta dan il-parir ghaliex hekk jaqblilha taghmel.  Huwa ghal kollox infantili li wiehed jipprova jiskarta l-parir ta' espert billi jghid li dan ma kienx l-ghazla tieghu izda ghazla ta' malajr!  Ma jirrizultax li l-konvenuta kienet taht pressjoni sabiex tqabbad *mechanic* ta' malajr, u jekk ghazlet li taghmel hekk m'ghandu jkollu tort hadd hlief hi. Fil-fatt ta' min isemmi f'dan l-istadju li x-xhieda tal-konvenuta hija mimlija inkonsistenzi u kontradizzjonijiet li jrendu l-versjoni taghha kemm xejn inverosimili, u dan huwa biss wiehed mill-ezempji.

Mbaghad hemm ukoll il-kwistjoni tan-nuqqas ta' prova dwar dak li qed tallega l-konvenuta.  Apparti xi ritratti tal-karozza mahruqa u x-xhieda ta' certu Nazzareno Agius dwar l-incident meta nharqet il-karozza, t-Tribunal m'ghandu l-ebda prova konkreta quddiemu li jista' jwasslu sabiex jiddeciedi li l-vettura inharqet ghaliex kellha xi difett mohbi.  Fil-fatt ma hemm assolutament xejn li jista' jwassal lit-Tribunal sabiex jikkonkludi kif u ghaliex il-vettura inharqet zmien wara li kienet inxtrat.

Huwa ovvju li l-ahjar prova f'dan il-kaz kienet tkun ix-xhieda ta' nies intizi f'din il-materja partikolari, bhal per ezempju l-*mechanic* Martin Spiteri li ezamina l-vettura

meta din inxtrat, jew almenu dawk il-*mechanics* kollha li skond dak allegat mill-konvenuta kienu sewwew il-vettura wara li din inxtrat minnha. Minn dawn kollha pero ma gie prodott hadd da parti tal-konvenuta.

Oltre dan ma jidhirx li l-konvenuta hadet il-passi mehtiega sabiex tissalvagwardja d-drittijiet taghha f'dan ir-rigward, u dan ikompli jwassal lit-Tribunal sabiex jikkonkludi li din l-eccezzjoni hija biss skuza da parti tal-konvenuta sabiex tipprova tevita li tonera l-obbligi kontrattwali taghha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, jilqa t-talba attrici limitatament billi jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta' elf, disa mija, sitta u disghin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€1996.52) bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------